MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2980/2002

**Lloyds Malta Limited bhala rappresentanti ex lege ta' Cotesworth Capital Ltd membri ta' Lloyds li flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossija syndicate ta' Lloyds li jgibu n-numru 1069 u joperaw taht l-isem H.R Rivington & Others u Millenium Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tal-istess ditta assikuratrici ossija syndicate kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christo Zarkov u l-istess Christo Zarkov**

**Vs**

**Kenneth John Cutajar**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm498.30c (erba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tletin centezmu) rappresentanti danni sofferti f'incident awtomobilistiku li gara l-Gzira fl-10 ta' Lulju,

2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura IMY 318 habat mal-vettura IBE 295 propjeta' ta' Christo Zarkov u misjuqa minnu stess, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru, 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mid-data tal-presentata ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.

Sema' x-xhieda.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Ikkunsidra li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.
Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Settembru, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------